PDF Compressor Pro



Żfin mis-Centre Stage Dance Academy waqt il-kunċert imtella' mis-Soċjetà Filarmonika La Stella

Kunċert divertenti fit-Teatru Astra

Mużika meħuda mill-films kienet it-tema ewlenija ta' Kunċert ferm divertenti li sar fit-Teatru Astra. Uħud mill-bandisti fi ħdan is-Soc. Filar. La Stella ngħaqdu flimkien biex jesegwixxu wħud mill-aqwa *soundtracks* ta' films, *cartoons* u *musicals* kolossali li dehru fid-dinja taċ-ċinema matul dawn l-aħħar 50 sena. Dawn kienu jinkludu, fost l-oħrajn, siltiet minn *The Titanic*, *Stallion* of the *Cimarron*, *The Lion King*, *Beauty and the Beast*, *The Godfather*, *The Mask of Zorro*, *Last of the Mohicans* u *Ben-Hur*. Indaqqu wkoll *selections* minn *The Da Vinci Code*, kapulavur ta' Hans Zimmer li ġie nominat għal *Golden Globe Award* tal-2007 għall-aqwa mużika oriġinali, liema *selections* kienu qed jindaqqu għall-ewwel darba minn banda lokali.

Idderieġa dan il-kunċert George Apap, klarinettista u għalliem tal-aljievi fi ħdan l-istess Soċjetà. F'din l-ewwel dehra



George Apap, klarinettista u għalliem tal-aljievi jidderieġi l-kunċert fit-Teatru Astra

tiegħu bħala Direttur Mużikali, Apap deher konfidenti u ppreparat tajjeb f'dan ir-rwol ġdid tiegħu. Il-pubbliku numeruż li mela t-Teatru Astra seta' wkoll jitpaxxa b'għadd ta' numri ta' żfin mis-*Centre Stage Dance Academy* taħt it-treġija ta' Nathalie Sciortino, li bla dubju kompla janima mhux ftit il-mużika popolari li ndaqqet.



Waqt il-preżentazzjoni tal-pubblikazzjoni 'The Key to Revival?' lill-Kap tal-Iskola Sir M.A. Refalo, Marcell Xuereb (ir-raba' mix-xellug). Jidher ukoll Pierre Buttigieg (fin-nofs) il-librar tal-iskola

Jippreżenta kopja tar-rumanz tiegħu lil-Librerija tal-Iskola

Steven J. Camilleri li joqgħod Għajnsielem, żar l-iskola Sir M.A. Refalo fejn hu kien segwa l-kors post-sekondarju sabiex joffri kopja tal-ewwel rumanz tiegħu '*The Key to Revival?*' lil-librerija tal-iskola.

Fl-istess waqt kellu l-opportunità li jiltaqa' ma' xi għalliema tiegħu f'dik l-iskola u anki jitkellem ma' studenti dwar l-esperjenzi u l-pubblikazzjoni tiegħu.

L-awtur żagħżugħ Għawdxi Steven J. Camilleri twieled f'New York fl-1987, iżda ilu jgħix ġewwa Għawdex mindu kien tifel ta' sitt snin. Studja fi skejjel sekondarji u post-sekondarji Għawdxin u wara ggradwa mill-Università ta' Malta fejn studja l-ġeografija u s-soċjoloġija.

MINN GĦAWDEX ma' Charles Spiteri





Fun Day

L-iskola primarja tar-Rabat fi ħdan il-kulleġġ ta' Għawdex, organizzat *Fun Day* wara l-eżamijiet ta' nofs is-sena u dan bl-iskop li t-tfal jaqtgħu xi ftit mir-rutina tal-iskola. It-tfal kollha kellhom l-opportunità li jitilgħu fuq il-*bouncing castle*. Waqt ħin il-brejk, ingħataw pizza magħmula minn ingredjenti tajba għal saħħithom. F'din il-ġurnata wkoll, żar l-iskola 'Kikku', il-maskot ta' Eko Għawdex. Huwa Itaqa' mat-tfal fil-klassijiet tagħhom u minbarra li kellimhom, tahom *keychain* kull wieħed.



L-Abbots Bromley School for Girls Cantoria, kor tal-bniet minn *Staffordshire* fl-Ingilterra, ta kunċert ta' mużika sagra fil-Bażilika ta' San Ġorġ. Il-kor, taħt id-direzzjoni ta' Colin Walker, interpretà xogħlijiet klassiċi kif ukoll kontemporanji mir-repertorju vast korali Ingliż, fost l-oħrajn biċċiet ta' Andrew Lloyd Webber u John Rutter.

St Nicholas Festa Committee

"Fiera Maltija tal-Fniek"

Il-Ħadd 10 ta' April 2011

Fil-Good Shepard Hall

136 Hyatts Road Plumpton

mis-2pm *'l quddiem*

Mużika u Divertiment mid-DJ's

Tony, Paul u Michael

ta' SWR FM Radio

Jieħdu sehem ukoll

il-JC Choir u oħrajn

Dħul B'xejn

Mill-kċina ssibu ikel Malti: *Ħobż biż-żejt, Ħobż bil-bigilla, Pastizzi, Buskuttini, ikel u xorb ieħor*

Għal aktar tagħrif ċemplu lil:

Jim Borg (02) 9636 7767

jew lil **Bill Schembri (02) 9896 1415**